U minnufih iħoss żewġ idejn jaħfnuh minn sidru, u jrossuh b'kemm għandhom ħila; par idejn ta' l-azzar—idejn dak li hu jobgħod. U aktar ma dawn l-idejn qegħdin jagħfsulu sidru, iżjed qegħdin iressqulu lejn grieżmu ż-żonqra daqshiex li qed tifggħu… mingħajr ma toqtlu!…

U ma' l-għafis ta' dawn l-idejn ta' l-azzar, iħoss ħruq ta' nar—nar li qed jaqbad quddiem ħalqu, li qed jaħraqlu xofftejh nixfin aktar mit-tiben; nar li dieħel f'ħalqu; u minn ħalqu fi grieżmu, f'rasu, f'sidru.

Mill-ġdid jixtieq jieħu nifs—nifs wieħed kbir—u wara jmut; iżda jsib li ma jistax. U hawn jistħajjel li minn ġismu mgħattan ma baqax għajr ras, gerżuma u sider, imkebbsin ħuġġieġa nar; jikwu bħal forn. U mal-ħruq aħrax ta' dan in-nar li qed iżommu ħaj bla nifs, jilmaħ mill-ġdid wiċċ ommu, waqt li f'widnejh jisma' għajta maħnuqa:

"Ma! Ma! Kemm ser indum ma mmut?…

Dalma… u xejn aktar, ħlief ġisem bla ħajja, mgħaffeġ u mirdum taħt gozz ġebel, żrar u trab.

---

## "GĦAX NIBŻA' JIENA FIL-JUM ĦAŻIN?"

*Tal*-KOLL. A. COPPERSTONE

**Salm 47.**

Meta qliel ibħra tħoss inti ma' dwarek,
Imġewħa lpup bis-semm jew tilmaħ ħdejk,
Itturufnat tarak, mhux hieni f'darek,
Ftakar f'Mulejk ħanin iħares lejk.

"Għandi ejjew ilkoll, erwieħ imnikkta,
F'tal-ħajja l-lejl mudlam, fil-jum ħażin:
B'Ismi kbar rwiefen f'waqt bi sliem imsikkta,
Qalbiena ssiru q'tigħ u ferħanin."

Kollox f'idejk, Missier, mn'idna mexxina
F'ibħra daqs iġbla, kif fil-baħar żejt
Inti li għalina b'djun bla qies ġo' fina
F'ilbiesna ġejt, batejt, b'ġid ruħna mlejt.



## RUĦ IL-POETA

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

'Il fuq 'il fuq tittajjar
biex tilħaq is-smewwiet;
hemm l-ajkla ddur fil-wisa'
bejn kwiekeb u sħabiet.

Ferħana ttir, tiġġerra
bil-ġwienaħ miftuħin,
imkabbra daqs sultana,
xħin tilmaħ 'il-bnedmin.

'Ma fl-aħħar tegħja, u tinżel
fuq l-art mnejn tkun għoliet
u tmur tistrieħ fil-ħemda,
fil-kenna tal-bejtiet.

Mhux hekk ruħ il-poeta:
minn qalbu fejn irid
jimraħ u jsib madwaru
kull seħer u tiġdid.

Mal-ward idur bħan-naħal
u jarda' l-ġmiel; fis-skiet
l-ilwien moħbija jfittex,
joħlom l-egħġubijiet.

Is-siġar ħbiebu u x-xmajjar,
il-ġilji tal-widien,
l-għoljiet, is-sħab u l-ibħra,
l-għasafar kollha lwien.

Din biss ta' qalbu r-regħba:
id-deh'b fir-ramliet sbieħ,
fi nżul ix-xemx imraxxax,
fil-qamħ jogħxa fir-riħ;

djamanti sbieħ tal-kwiekeb,
ġawhar tal-ġiżimin,
fided li jarmi l-qamar
fl-għadajjar imsaħħrin.